DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 138/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 333/2011 tal-31 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' metall skreppjat ma jibqgħux jitqiesu bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 32ff (id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XX mal-Ftehim:

"32ffa. **32011 R 0333**: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 333/2011 tal-31 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' metall skreppjat ma jibqgħux jitqiesu bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 94, 8.4.2011, p. 2).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftiehmu bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 2(e), u fil-punt 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Konformità stipulata fl-Anness III, il-kliem 'jew it-territorji tal-Istati tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kliem 'it-territorju doganali tal-Unjoni'."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 333/2011 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2012 tat-13 ta' Lulju 2012 ([3]) jew tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 136/2012 tat-13 ta' Lulju 2012 ([4]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 40.
([2]) ĠU L 94, 8.4.2011, p. 2.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.
([3]) Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.